

Brussell, 22 ta' Mejju 2023
(OR. en)

9588/23

COPS 266
CIVCOM 140
POLMIL 122
CFSP/PESC 740
CSDP/PSDC 398
RELEX 630
JAI 652
COSI 102

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: Nru. dok. preċ.:	ST 9199/23 COPS 233 CIVCOM 117 POLMIL 106 CFSP/PESC 687 CSDP/PSDC 359 JAI 591 RELEX 574 COSI 92
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar l-istabbiliment ta' Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar l-istabbiliment ta' Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK, kif approvat mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fit-22 ta' Mejju 2023.

**KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL U TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET
TAL-ISTATI MEMBRI, IMLAQQGĦIN FIL-KUNSILL, DWAR L-ISTABILIMENT TA'
PATT DWAR ID-DIMENSJONI ĊIVILI TAL-PSDK**

Qed nadottaw dan il-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK fi żmien meta ninsabu mħassba ħafna dwar il-feġġ jew l-eskalazzjoni ta' konflitti madwar l-Unjoni Ewropea, ir-ritorn tal-gwerra fl-Ewropa, bil-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna, kif ukoll bidliet ġeopolitiċi kbar. Il-kuntest attwali huwa influwenzat ukoll miż-żieda fl-azzjonijiet reviżjonisti, il-ksur flagranti tad-dritt internazzjonali u tad-drittijiet tal-bniedem, ir-rigress demokratiku, il-persistenza tal-instabbiltà u t-theddid tranżnazzjonali kif ukoll it-tibdil fil-klima u l-effetti tiegħu fuq il-konflitti u l-kriżijiet, li jisfidaw il-kapaċità tal-UE li tiddefendi l-interessi tagħha u dawk tas-sħab tagħha. Infakkru fil-ħtieġa li l-UE terfa' aktar responsabbiltà għas-sigurtà tagħha stess billi taġixxi fil-viċinat tagħha u lil hinn minnu.

Nenfasizzaw il-kontribut sinifikanti tad-dimensjoni ċivili tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) għall-paċi u l-istabbiltà internazzjonali. Il-PSDK ċivili wriet li hija kapaċi tindirizza b'mod rapidu u effettiv l-isfidi tal-politika barranija u tissodisfa l-ħtiġijiet tas-sħab, kif intwera fost oħrajn mill-istabiliment rapidu ta' missjonijiet ġodda. Filwaqt li nibnu fuq għoxrin sena ta' esperjenza u b'mod partikolari fuq ir-riżultati pożittivi li ksibna mill-adozzjoni tal-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK f'Novembru 2018 mill-Istati Membri u mis-SEAE u s-servizzi tal-Kummissjoni, kif ukoll fuq il-ħidma importanti mwettqa mill-missjonijiet ċivili kollha tal-PSDK, nappellaw għal impetu mġedded lejn il-PSDK ċivili.

Nafferimaw mill-ġdid l-impenn sħiħ tagħna għat-tisħiħ tal-PSDK ċivili u nappellaw għat-tisħiħ tal-effettività, l-impatt, il-flessibbiltà u r-robustezza tal-missjonijiet ċivili tal-PSDK, li jippermettilhom jindirizzaw b'mod aktar effiċjenti l-isfidi attwali, emerġenti u futuri tas-sigurtà fil-qafas tar-rabta bejn id-dimensjoni interna u dik esterna, permezz ta' dan il-Patt ġdid dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNJIET TAL-ISTATI MEMBRI, IMLAQQGĦIN FIL-KUNSILL,

FILWAQT LI JFAKKRU fl-impenn tal-UE u tal-Istati Membri tagħha li jirrispettaw l-ordni multilaterali bbażata fuq ir-regoli bin-Nazzjonijiet Uniti fil-qalba tagħha u f'konformità mal-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti;

FILWAQT LI JENFASIZZAW il-ħtieġa kontinwa li jissaħħu r-rwol u l-kapaċità tal-UE li taġixxi bħala fornitur tas-sigurtà permezz tal-PSDK u FILWAQT LI JFAKKRU fil-livell għoli ta' ambizzjoni fis-sigurtà u d-difiża, kif determinat fil-Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża (Boxxla Strateġika) ta' Marzu 2022;

FILWAQT LI JFAKKRU li l-forza unika tal-UE fil-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' kriżijiet qiegħda fil-kapaċità tagħha li tibgħat assi u kapaċitajiet ċivili u militari bħala parti minn approċċ usa' integrat tal-UE għall-konflitti u l-kriżijiet esterni;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU r-rilevanza politika u l-importanza akbar tal-PSDK ċivili bħala għodda ta' maniġġar ta' kriżijiet kif ukoll il-kontribut għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali li l-25 missjoni ċivili tal-PSDK skjerati mill-2003 'l hawn, inklużi t-13 attwalment fuq il-post, u filwaqt li JESPRIMU gratitudni lejn in-nisa u l-irġiel li jservu f'dawn il-missjonijiet;

FILWAQT LI JISSOTTOLINJAW li t-tisħiħ tal-effettività tal-PSDK ċivili jirrikjedi li l-Istati Membri jiżviluppaw il-kapaċitajiet meħtieġa u FILWAQT LI JTENNU r-responsabbiltà tal-Istati Membri li jagħmlu l-kapaċitajiet ċivili disponibbli għall-UE għall-implimentazzjoni tal-PSDK kif iddikjarat fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE);

JAQBLU dwar dan il-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK, li fih linji gwida strateġiċi għat-tisħiħ tal-PSDK ċivili kif ukoll impenji mill-Kunsill u l-Istati Membri għal azzjonijiet konkreti li jridu jittieħdu u skedi ta' żmien biex dawn jiġu ssodisfati.

I. LINJI GWIDA STRATEĠĠI

JENFASIZZAW li dan il-Patt għandu jikkontribwixxi biex il-PSDK ċivili ssir aktar effettiva permezz ta' sforzi biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-UE li TAĠIXXI b'mod rapidu u robust, li TASSIGURA l-pajjiżi ospitanti u l-missjonijiet ċivili tal-PSDK, li TINVESTI f'aktar kapaċitajiet u f'kapaċitajiet aħjar, u li TISSIEĦEB mal-pajjiżi ospitanti kif ukoll ma' stati terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali;

JAQBLU li l-PSDK ċivili ser:

- Tikkontribwixxi għall-kisba tal-livell ta' ambizzjoni tal-UE u l-oġettivi tal-Boxxla Strateġika li tippromwovi PSDK ċivili aktar robusta, flessibbli u modulari;
- Tiffoka fuq il-prijoritajiet ta' Feira għat-tisħiħ tal-pulizija, l-istat tad-dritt u l-amministrazzjoni ċivili f'kuntesti fraġli u ta' konflitti bħala l-funzjonijiet ċentrali tagħha, filwaqt li tiġi enfasizzata wkoll l-importanza tar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà (SSR) u l-kompiti ta' monitoraġġ;
- Tirrispondi b'mod effettiv, flessibbli, rapidu u effiċjenti għall-konflitti u l-kriżijiet esterni li qed jevolvu, filwaqt li tiżgura l-koordinazzjoni u l-koerenza mas-servizzi tal-Kummissjoni u ma' atturi oħra tal-UE bħala parti minn approċċ integrat tal-UE għal konflitti u kriżijiet esterni. Fl-istess ħin, tiżgura sjieda lokali u xiri bil-forza u ser taħdem flimkien mal-atturi rilevanti kollha tal-istess fehma;
- Twieġeb bid-determinazzjoni li taġixxi malajr matul iċ-ċiklu tal-konflitti kollu, filwaqt li tnaqqas id-distakk bejn it-twissija bikrija u l-azzjoni bikrija. Barra minn hekk, tirrikonoxxi l-valur miżjud tal-PSDK ċivili fil-prevenzjoni, ir-riżoluzzjoni u l-istabbilizzazzjoni tal-konflitti, inkluż permezz ta' appoġġ għall-medjazzjoni u d-djalogu, abbażi tal-prijoritajiet tal-UE u tal-Istati Membri f'reġjuni ta' interess strateġiku għall-azzjoni esterna u l-ħtiġijiet ivvalutati tal-pajjiż ospitanti;

- Tkompli tkun kapaċi twettaq diversi tipi ta' missjonijiet ċivili tal-PSDK fl-ispettru sħiħ ta' kompiti ta' maniġġar ta' kriżijiet kif stabbilit fl-Artikoli 42 u 43 TUE, inkluż il-monitoraġġ, il-bini tal-kapaċità u l-għoti ta' pariri kif ukoll tipi ta' missjonijiet eżekuttivi, sabiex ikunu jistgħu jirrispondu b'mod rapidu u effettiv għal theddid u sfidi eżistenti u li qed jevolvu, u jindirizzaw nuqqasijiet kritiċi;
- Issegwi approċċ modulari u skalabbli fir-rigward tad-daqs tal-missjonijiet ċivili tal-PSDK, filwaqt li jiġi rikonoxxut li d-daqs u l-għadd ta' missjonijiet ser jiġu ddeterminati abbażi tal-ħtiġijiet li qed jevolvu fuq il-post u abbażi tar-riżorsi disponibbli kif ukoll tal-prijoritajiet u l-kapaċitajiet disponibbli tal-UE u tal-Istati Membri. B'rabta ma' dan, tfassal il-kapaċitajiet ċivili meħtieġa minn proċess strutturat u regolari. Tikseb vantaġġ minn approċċ sistematiku għall-ġestjoni tal-għarfien. Tibbenefika mill-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni ta' miżuri kosteffiċjenti u li jiffrankaw l-ispejjeż;
- Tikkontribwixxi għar-rispons usa' tal-UE biex jiġu indirizzati l-isfidi attwali, emerġenti u futuri tas-sigurtà, inklużi dawk marbuta mal-kriminalità organizzata, it-terroriżmu, ir-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu vjolenti, il-migrazzjoni irregolari, inkluż it-traffikar tal-bnedmin u l-faċilitazzjoni tad-dħul klandestin ta' migranti, il-korruzzjoni, il-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà marittima. Barra minn hekk, tqis l-isfidi tas-sigurtà marbuta mal-preservazzjoni u l-protezzjoni tal-wirt kulturali, inkluż il-ġlieda kontra t-traffikar tiegħu, u dawk marbuta mat-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali, inkluż il-kriminalità ambjentali;
- Tikkoopera mal-atturi tal-Ġustizzja u Affarijiet Interni (ĠAI) fil-livell tal-Istati Membri u tal-UE, fejn xieraq u fil-mandati rispettivi tagħhom, bil-ħsieb li jiġu indirizzati t-theddid u l-isfidi fil-qafas tar-rabta bejn id-dimensjoni interna u dik esterna, u ssaħħaħ is-sinerġiji u l-koerenza bejn l-azzjonijiet interni u esterni, anki fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet;

- Tkun aktar reżiljenti u tikkontribwixxi għar-reżiljenza u r-rispons tal-pajjiżi ospitanti għal theddid ibridu u ċibernetiku, kif ukoll il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin (FIMI);
- Tippetwovi u tintegra d-drittijiet tal-bniedem b'mod sistematiku fl-attivitajiet kollha u teżerċita d-diliġenza dovuta fejn jidħlu d-drittijiet tal-bniedem, is-sensittività għall-konflitti u l-approċċ "la tagħmilx ħsara", biex tiġi żgurata l-konformità mad-dritt internazzjonali, b'mod partikolari d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali;
- Tippetwovi l-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili, il-UNSCR 2250 dwar iż-Żgħażaġħ, il-Paċi u s-Sigurtà u l-Aġenda dwar it-Tfal u l-Konflitti Armati (CAAC) kif ukoll tiffoka fuq il-protezzjoni tat-tfal;
- Tiżgura l-partekipazzjoni sħiħa, uguali u sinifikanti tan-nisa fil-funzjonijiet kollha, inkluż f'pożizzjonijiet ta' tmexxija bl-għan li tinkiseb parità bejn il-ġeneri, filwaqt li tippetwovi l-UNSCR 1325 dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà u riżoluzzjonijiet sussegwenti billi, fost oħrajn, tippetwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u sistematikament tintegra l-perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, abbażi tal-analiżi tad-dimensjoni tal-ġeneru, fl-ippjanar u l-azzjonijiet kollha;
- Tintegra l-isforzi għall-indirizzar tal-isfidi tas-sigurtà marbuta mat-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali fil-ħidma esterna kollha tagħha, kif ukoll l-aspetti klimatiċi u ambjentali fil-ħidma interna tal-missjonijiet, sabiex tikkontribwixxi għall-impenji b'saħħithom tal-UE għall-Patt Ekoloġiku Ewropew, kif imsemmi fil-Boxxla Strateġika;
- Issaħħaħ il-viżibbiltà tal-PSDK ċivili u tal-kontribut tagħha għas-sigurtà taċ-ċittadini Ewropej, il-komunitajiet lokali u s-sħab tagħna, u ssaħħaħ is-sjieda politika tagħha, inkluż permezz ta' gwida mogħtija fil-livell ministerjali.

II. IMPENJI

Il-KUNSILL u l-ISTATI MEMBRI jimpenjaw ruħhom li jsaħħu l-PSDK ċivili. Għal dak l-għan, huma jimpenjaw ruħhom sabiex:

Iżidu l-kapaċità li JAĠLXXU malajr u b'mod robust biex jappoġġaw lill-kontropartijiet fil-post fejn ikunu l-missjonijiet ċivili, b'mod partikolari sabiex:

1. Tissaħħa l-effettività tal-PSDK ċivili, biex jinkisbu riżultati aktar sinifikanti u sostenibbli fil-pajjiżi ospitanti, inkluż f'ambjenti kumplessi, b'mod effiċjenti;
2. Jiġu pprovduti lill-missjonijiet mandati ffukati, bl-adattabbiltà kif xieraq, immirati għall-ħtiġijiet lokali, stati finali preċiżi u li jistgħu jinkisbu, kif ukoll strateġiji ta' tranżizzjoni u ta' ħruġ li jqisu s-sjieda lokali, filwaqt li jiġi żgurat teħid rapidu u infurmat sew ta' deċiżjonijiet mill-Kunsill, skont proċeduri maqbula;
3. Ikompli japplika approċċ modulari u skalabbli biex tissaħħa il-kapaċità tal-missjonijiet li jadattaw malajr għall-isfidi li qed jevolvu filwaqt li jiġi żgurat it-twettiq effettiv tal-mandat, bl-użu ta' għodod tal-UE u skjerament sekwenzjali jew plug-in mfassla apposta, kif ukoll formazzjonijiet multinazzjonali bħall-Forza tal-Ġendarmerija Ewropea (EUROGENDFOR) jew grupp ta' Stati Membri li jaġixxu skont l-Artikolu 44 TUE, kif adatt u f'konformità mat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-PSDK. Jiġu esplorati forom aktar immirati ta' appoġġ ċivili tal-PSDK;
4. Jiġu riveduti l-mekkaniżmi ta' rispons rapidu u jiġi ddefinit livell ċivili ta' tħejjija bl-għan li jkunu jistgħu jiġu stazzjonati 200 espert fi żmien 30 jum, inkluż f'ambjenti kumplessi;

5. Tiġi żgurata l-evalwazzjoni indipendenti tal-impatt tal-missjonijiet ċivili tal-PSDK, li tikkomplementa l-ġhodod u l-prattiki eżistenti. Tiġi introdotta sistema ta' valutazzjoni regolari tal-prestazzjoni tal-missjonijiet. Jiġi żviluppat approċċ sistematiku għall-ġestjoni tal-għarfien u l-apprendiment organizzattiv;
6. Jitrawmu sinerġiji u komplementarjetà bejn id-dimensjonijiet ċivili u militari tal-PSDK, u bejn inizzjattivi ta' sigurtà u ta' difiża taħt il-Boxxla Strateġika, inkluż f'oqsma ta' politika, taħriġ u eżerċizzji u l-ippjanar u t-twettiq ta' missjonijiet u operazzjonijiet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali u finanzjarji rilevanti;
7. Ikompli jitħaddem l-Approċċ Integrat għal Konflitti u Kriżijiet Esterni biex jiġi żgurat impenn aktar koerenti u effettiv tal-UE, billi jissaħħu r-rabtiet bejn il-PSDK ċivili u strutturi oħra tas-SEAE, inkluż id-Delegazzjonijiet tal-UE, kif ukoll ma' programmi, aġenziji u proġetti tal-Kummissjoni, u l-azzjonijiet u l-attivitajiet tal-Istati Membri. Jiġu żgurati ppjanar, tfassil u implimentazzjoni kkoordinati bis-sħiħ u msaħħa b'mod reċiproku tal-azzjonijiet u l-istrumenti rilevanti kollha, abbażi tat-twissija bikrija u l-analiżi tal-konflitti u bl-użu sħiħ tal-ġhodod ta' medjazzjoni u djalogu tal-UE, f'konformità mal-Kunċett dwar il-Medjazzjoni għall-Paċi tal-UE tal-2020, kif ukoll il-Kunċett ta' Stabbilizzazzjoni, l-SSR u d-Diżarm, id-Demobilizzazzjoni u r-Reintegrazzjoni;

JIGGARANTIXXU S-SIGURTÀ tal-pajjiżi ospitanti u tal-missjonijiet ċivili tal-PSDK kontra theddid li jinbidel malajr sabiex jirrispondu għal konflitti esterni u kriżijiet, isaħħu l-kapaċitajiet tal-pajjiżi ospitanti, u jipproteġu lill-UE u liċ-ċittadini tagħha, b'mod partikolari sabiex:

8. Jiġu promossi l-istat tad-dritt u l-irfiġħ tar-responsabbiltà fil-pajjiżi ospitanti kif ukoll tissaħħaħ ir-rabta bejn is-sigurtà interna u dik esterna permezz ta' aktar koordinazzjoni u kooperazzjoni bejn l-atturi ċivili tal-PSDK u tal-ĠAI fil-livell tal-Istati Membri u tal-UE matul il-fażijiet tal-ippjanar, l-implimentazzjoni u t-tranżizzjoni, fejn ikun xieraq u skont il-mandati u l-kompetenzi rispettivi tagħhom;
9. Tissaħħaħ ir-reżiljenza kontra t-theddid ibridu u ċibernetiku u r-rispons għalihom, kif ukoll il-FIMI, filwaqt li titfittex il-komplementarjetà u tiġi evitata d-duplikazzjoni ma' għodod u atturi oħrajn, u jiġi segwit approċċ aktar sistematiku lejn l-innovazzjoni teknoloġika għall-PSDK ċivili kif ukoll tiġi żviluppata strateġija tal-komunikazzjoni koerenti u ċara;
10. Jiġu promossi u integrati b'mod sistematiku d-drittijiet tal-bniedem, tiġi eżerċitata d-diliġenza dovuta fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem u tiġi żgurata l-konformità mad-dritt internazzjonali, b'mod partikolari d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali;
11. Tissaħħaħ l-implimentazzjoni tal-UNSCR 1325 dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà, u r-risoluzzjonijiet sussegwenti, biex, fost affarijiet oħra, tiġi żgurata l-parteċipazzjoni sħiħa, ugwali u sinifikanti tan-nisa fl-aspetti kollha tal-paċi u s-sigurtà, bl-għan li tinkiseb parità bejn il-ġeneri, fost oħrajn, billi tiġi promossa l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u tiġi integrata b'mod sistematiku perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, ibbażata fuq analiżi tal-ġeneru, fl-ippjanar, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni kollha tal-PSDK ċivili;

12. Jigū integrati l-isforzi biex jigū indirizzati l-isfidi tas-sigurtà marbuta mat-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni u l-isfruttament ambjentali fl-attivitajiet tal-missjonijiet esterni kif ukoll kunsiderazzjonijiet ambjentali matul il-ħidma interna kollha tal-PSDK ċivili, b'ħidma progressiva lejn in-newtralità klimatika sal-2050 f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew;

JINVESTU f'aktar kapaċitajiet u f'kapaċitajiet aħjar li jiżguraw l-iżvilupp u l-forniment tal-kapaċitajiet meħtieġa biex l-UE twettaq il-firxa sħiħa ta' missjonijiet ta' PSDK ċivili, b'mod partikolari sabiex:

- 13 Jiżdied b'mod konġunt l-ġhadd ta' esperti ssekondati fil-missjonijiet kollha u fil-livelli kollha, bl-ġhan li s-sehem totali tagħhom jogħla għal mill-inqas 70 fil-mija tal-persunal internazzjonali, filwaqt li l-ġhan ikun ta' 100 fil-mija ta' persunal issekondat fil-pożizzjonijiet manigġerjali, operazzjonali u funzjonali ewlenin kollha;
- 14 Jigū pprovvduti aktar kontribuzzjonijiet u t-titjib tal-istrutturi u l-proċeduri nazzjonali rilevanti bħat-teħid ta' deċiżjonijiet, il-finanzjament u l-leġiżlazzjoni;
- 15 Jiġi stabbilit proċess regolari u strutturat ta' żvilupp tal-kapaċitajiet ċivili tal-PSDK għall-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' kapaċità, l-iżvilupp ta' rekwiżiti, it-twettiq ta' analiżi tal-lakuni u r-rieżami annwali tal-progress li jkun sar f'konformità ma' dan il-Patt u bil-ħsieb li tiġi żviluppata l-firxa sħiħa ta' kapaċitajiet meħtieġa biex jitwettaq l-ispettru sħiħ tal-kompiti ta' maniġġar ta' kriżijiet kif stabbilit fl-Artikoli 42 u 43 TUE;

- 16 Jissaħħu l-politika, il-ġestjoni u l-proċeduri tal-PSDK ċivili fil-qasam tar-riżorsi umani fil-livelli kollha, inkluż billi:
- a. Jiġu żviluppati aktar u implimentati bis-sħiħ il-politika u l-proċeduri tal-għażla u r-reklutaġġ, inkluż permezz tal-promozzjoni ta' profili aktar versatili biex tiżdied it-trasparenza, jiġihaffef ir-reklutaġġ u jkunu allinjati aħjar is-SEAE u l-proċeduri nazzjonali;
 - b. Tiżdied b'mod sinifikanti l-parteċipazzjoni tan-nisa fil-PSDK ċivili fost il-persunal internazzjonali, bl-għan li kollettivament tintlaħaq rappreżentanza ta' mill-inqas 40 fil-mija fil-waqt li jsir sforz favur il-parità bejn il-ġeneri;
 - c. Jissaħħu d-disponibbiltà u l-parteċipazzjoni tal-esperti tal-Istati Membri f'missjonijiet ċivili tal-PSDK, inkluż billi jiġu kkunsidrati opportunitajiet għal integrazzjoni aħjar tal-parteċipazzjoni tagħhom fil-perkorsi tal-karriera u jiġu esplorati l-possibbiltajiet għall-issekondar ta' esperti fil-livell tad-dħul għall-missjonijiet.
- Jitkomplew l-isforzi għal rappreżentanza wiesgħa tal-esperti tal-Istati Membri f'missjonijiet ċivili tal-PSDK;
- d. Jiġi rieżaminat l-istatus tal-impjeg tal-persunal internazzjonali kkuntrattat u jiġi limitat it-tul ta' żmien totali tal-istazzjonament tal-persunal ikkuntrattat kollu;
 - e. Jiġi żgurat ambjent ta' xogħol sikur u inklużiv u jitwettqu r-reviżjonijiet meħtieġa tal-politiki u l-proċeduri, inkluż ir-rieżami u l-applikazzjoni bis-sħiħ tal-Kodiċi tal-Kondotta u t-tisħiħ tal-isforzi preventivi;
 - f. Isir investiment fit-tmexxija u l-ġestjoni tal-missjonijiet fil-livelli kollha.

- 17 Jiġi żgurat baġit tal-PSDK aktar robust u realistiku li jaqbel mal-ħtiġijiet tal-missjonijiet ċivili tal-PSDK li huma ġodda u li għadhom għaddejjin u li l-baġit jintuża b'mod rapidu, flessibbli u kosteffiċjenti biex jappoġġahom, filwaqt li tiġi żgurata ġestjoni finanzjarja soda u prijoritizzazzjoni bir-reqqa tar-riżorsi eżistenti;
- 18 Jiġi żviluppat aktar it-taħriġ tal-PSDK u jiġi żgurat li l-esperti internazzjonali kollha u persunal ieħor tal-missjoni jirċievu taħriġ f'konformità mal-Politika riveduta tal-UE dwar it-Taħriġ għall-PSDK u l-Programm ta' Taħriġ tal-PSDK, inklużi r-rekwiżiti identifikati;

JISSIEĦBU mal-pajjiżi ospitanti kif ukoll ma' Stati terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali, b'mod partikolari sabiex:

- 19 Issir enfasi fuq l-importanza tas-sjieda lokali tal-PSDK ċivili, sabiex jiġu żgurati riżultati sostenibbli u jingħata kontribut għar-reżiljenza, l-istabbiltà u s-sigurtà tal-pajjiżi ospitanti, filwaqt li jitfittxu sinerġiji u tissaħħaħ il-kooperazzjoni u d-djalogu regolari u inklużivi mas-soċjetà ċivili fil-livelli kollha, filwaqt li tiġi rikonoxxuta l-importanza ta' approċċ immexxi mid-domanda u bbażat fuq il-ħtiġijiet;
- 20 Jissaħħu s-sħubiji ma' stati terzi tal-istess fehma li jikkondividu l-valuri u l-oġettivi tal-UE, inkluż permezz tal-promozzjoni tal-kontributi tagħhom għal missjonijiet ċivili tal-PSDK f'konformità ma' modalitajiet maqbula. Jissaħħu s-sħubiji ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali, b'mod partikolari man-Nazzjonijiet Uniti (NU), abbażi tas-sħubija strateġika bejn in-NU u l-UE dwar operazzjonijiet ta' paċi u maniġġar ta' kriżijiet, l-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana (NATO) u l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE), u l-Unjoni Afrikana (UA) b'rispett sħiħ tal-qafas istituzzjonali, il-prinċipji maqbula u l-proċeduri tal-UE.

III. IT-TRIQ 'IL QUDDIEM

Il-KUNSILL u l-ISTATI MEMBRI jistiednu lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-impenji msemmija hawn fuq f'konformità sħiħa mal-qafas legali applikabbli u l-mandati tal-atturi differenti tal-UE, fil-limiti attwali u futuri tal-Ipprogrammar Finanzjarju tal-PESK u f'konsultazzjoni mal-Istati Membri.

Il-KUNSILL u l-ISTATI MEMBRI jaqblu li:

- Iniedu proċess annwali biex jevalwaw il-progress magħmul fl-implimentazzjoni ta' dan il-Patt abbażi tar-risultati previsti fih u fil-Pjanijiet ta' Implimentazzjoni Nazzjonali tal-Istati Membri. L-evalwazzjoni għandha tidentifika l-progress li jkun sar u l-isfidi li jkun fadal, u tgħin biex dawn jiġu indirizzati permezz ta' sforz kooperattiv bejn l-atturi rilevanti tal-UE, inklużi l-Istati Membri, kif ukoll fost l-Istati Membri.
- Jorganizzaw l-ewwel Konferenza ta' Rieżami Annwali fil-qafas ta' dan il-Patt fit-tieni semestru tal-2023.
- Jistabbilixxu mekkaniżmu ta' rieżami u ta' segwitu dwar il-progress tal-UE u tal-Istati Membri bħala parti mill-proċess regolari u strutturat tal-iżvilupp tal-kapaċitajiet ċivili.

- Jippreżentaw komunikazzjoni strateġika mfassla apposta maħsuba għall-partijiet ikkonċernati lokali, il-kontropartijiet nazzjonali u l-pubbliku ġenerali sabiex isaħħu l-viżibbiltà, jissottolinjaw il-benefiċċju, u sabiex iżidu l-appoġġ pubbliku għall-PSDK ċivili.
- Jistiednu lir-Rappreżentant Għoli biex ikollu diskussjoni annwali dwar il-PSDK ċivili fil-Kunsill Affarijiet Barranin, fejn il-Ministri għall-Ġustizzja u Affarijiet Interni jkunu jistgħu jiġu mistiedna, kif xieraq.
- Iwettqu bis-sħiħ dan il-Patt malajr kemm jista' jkun, u sa mhux aktar tard mill-bidu tas-sajf tal-2027, b'kont meħud tal-progress magħmul fil-qafas tal-Boxxla Strateġika.

Riżultati ta' dan il-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK

NAGĪXXU

1. FI-2024, is-SEAE, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri, ser jipproponi sett ta' prinċipji gwida, bl-għan li jiġu żgurati l-effettività, l-effiċjenza, il-flessibbiltà u r-robustezza, u li tissaħħaħ il-koerenza tal-missjonijiet ċivili tal-PSDK.

FI-2024, il-Kapaċità Ċivili tal-Ippjanar u t-Tmexxija (CPCC) bħala l-kwartieri ġenerali fil-livell operazzjonali għall-missjonijiet ċivili tal-PSDK, ser tkompli żżid l-effettività u l-kapaċità tagħha u tissaħħaħ abbażi ta' pjan direzzjonali għar-riforma organizzattiva tagħha, żviluppat f'konsultazzjoni mal-Istati Membri u f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali u finanzjarji rilevanti. Bl-appoġġ tal-kwartieri ġenerali, il-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili ser ikompli jsaħħaħ il-kmand u l-kontroll tal-missjonijiet ċivili tal-PSDK.

2. FI-2024, is-SEAE ser jipproponi dokument ta' għażliet għal metodoloġija rieżaminata u definita b'mod ċar għar-rieżamijiet strateġiċi, li tippermetti approċċ modulari u skalabbli matul l-ippjanar u t-twettiq ta' missjonijiet ċivili tal-PSDK. L-Istati Membri ser jiżguraw li l-missjonijiet ċivili tal-PSDK ikollhom mandati ffukati u stati finali preċiżi u li jkunu jistgħu jinkisbu, inkluż għażliet għat-tranżizzjoni u l-ħruġ, b'kont meħud tal-progress li jkun sar u l-isfidi possibbli li jimpedixxu lill-missjonijiet milli jwettqu l-mandati tagħhom b'mod effettiv.

3. Mill-2024, il-missjonijiet kollha ser isegwu approċċ modulari u skalabbli biex isaħħu l-kapaċità tagħhom li jadattaw malajr għal sfidi li qed jevolvu, abbażi ta' kontroll politiku u direzzjoni strateġika mogħtija mill-Kunsill, li jistgħu jinkludu timijiet speċjalizzati, inkluż dawk ta' natura prekonfigurata, esperti viżitaturi, formazzjonijiet multinazzjonali, bħall-EUROGENDFOR, ipprovduti mill-Istati Membri u l-aġenziji tal-ĠAI kif rilevanti u skont il-mandati rispettivi tagħhom.

Mill-2023, l-Istati Membri, abbażi ta' proposti mis-SEAE, ser jesploraw forom ta' appoġġ aktar immirat, li jinkludi, iżda ma jkunx limitat għal dan biss, l-istazzjonament ta' esperti fil-maniġġar ċivili ta' kriżijiet fid-Delegazzjonijiet tal-UE jew fl-istituzzjonijiet tal-pajjiżi ospitanti.

4. Fl-2027, l-UE ser tkun tista' tistazzjona 200 espert fi żmien 30 jum. Fl-2025, filwaqt li jibbaża wkoll fuq elementi modulari u skalabbli, is-SEAE ser jirrevedi l-mekkaniżmi ta' rispons rapidu u jikkunsidra t-tweġġ ta' eżerċizzji bil-ħsieb li tiżdied il-kapaċità ta' rispons u jiġi definit livell ta' tħejjija ċivili. Dan jinkludi l-kapaċità ta' stazzjonament fi żmien qasir f'ambjenti kumplessi b'attenzjoni xierqa għas-sigurtà u d-dmir ta' diliġenza. Is-SEAE u s-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni ser jistudjaw soluzzjoni ibrida possibbli ta' ħżin fiżiku u kuntratti qafas, wara l-iskadenza tas-sistema attwali bbażata fuq kuntratti qafas.

5. a. Fl-2024, abbażi ta' kunċett dwar l-evalwazzjoni indipendenti tal-impatt u l-effettività tal-missjonijiet li għandu jiġi ppreżentat fl-2023, is-SEAE, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, mas-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni u ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, ser jevalwa l-impatt tal-missjonijiet li ser jiġi rifless fir-rieżamijiet strateġiċi tal-missjonijiet.

b. Mill-2024, is-SEAE ser iwettaq valutazzjonijiet regolari tal-prestazzjoni tal-missjonijiet kollha u ser jimmonitorja l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tagħhom.

c. FI-2025, is-SEAE ser jintroduċi approċċ sistematiku għall-ġestjoni tal-għarfien u l-apprendiment organizzattiv, li jibni fuq il-qafas ġenerali tal-Approċċ Integrat u jirrevedi l-proċess annwali tiegħu tat-tagħlimiet tal-PSDK li jippermetti segwitu aktar sistematiku tat-tagħlimiet identifikati.

6. Mill-2023, il-Kunsill u l-Istati Membri ser ikomplu jiżviluppaw sinerġiji ċivili-militari fit-tehd ta' deċiżjonijiet kollha dwar il-PSDK ċivili, f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali u finanzjarji rilevanti, fejn applikabbli. FI-2025, is-SEAE, f'konsultazzjoni mas-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni, ser itejjeb il-koordinazzjoni operazzjonali bejn l-istrutturi tal-kmand ċivili u militari fil-livell ċentrali u fuq il-post billi jikkondividi r-riżorsi u l-għarfien espert fil-post tal-operazzjoni, it-taħriġ u l-eżerċizzji konġunti u billi jsaħħaħ ir-rwol taċ-Ċellula Konġunta ta' Koordinazzjoni fil-qasam tal-Appoġġ (JSCC).

7. FI-2024, is-SEAE ser jiżgura rapportar regolari u infurmat dwar l-applikazzjoni tal-Approċċ Integrat fejn jirrigwarda l-PSDK ċivili, biex jippromwovi s-sinerġija u l-koerenza mal-istrumenti rilevanti kollha fl-oqsma tematiċi kollha u mill-ippjanar sal-implimentazzjoni u t-tranżizzjoni. Dan ir-rapportar ser ikun infurmat permezz ta' koordinazzjoni msaħħa, inkluż permezz ta' matriċi konsolidati fir-rigward ta' approċċ integrat. Mill-2023, is-SEAE ser japplika b'mod sistematiku l-analiżi tal-konflitti u s-sensittività għall-konflitti fl-ippjanar, l-implimentazzjoni u r-rieżami tal-missjonijiet ċivili tal-PSDK kif ukoll jikkunsidra b'mod sistematiku d-djalogu u l-medjazzjoni, f'konformità mal-Kunċett dwar il-Medjazzjoni tal-Paċi tal-UE tal-2020.

8. Mill-2023, is-SEAE u l-Istati Membri ser jippromwovu riformi sostenibbli fl-istat tad-dritt u l-appoġġ għall-governanza tas-settur tas-sigurtà, kif ukoll l-irfiġh tar-responsabbiltà u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, fil-pajjiżi ospitanti, inkluż billi jsaħħu l-komponenti kollha tal-katina tal-ġustizzja biex jirrispondu b'mod effettiv għall-isfidi tas-sigurtà.

Is-SEAE, il-Kunsill, l-Istati Membri u s-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni ser ikomplu jippromwovu l-kooperazzjoni bejn il-PSDK u l-ĠAI f'konformità sħiħa mar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom u b'kont meħud tar-riżorsi, il-prijoritajiet u l-ħtiġijiet disponibbli tal-atturi rilevanti u jirrapportaw kull sena dwar il-progress li jkun sar. Aktar kooperazzjoni għandha tqis il-minikunċetti rispettivi u l-prijoritajiet rilevanti tal-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT), u timmira li żżid il-kondiviżjoni tal-informazzjoni, il-koordinazzjoni u l-kontributi sinifikanti għall-proċessi tal-ippjanar u t-tisħiħ tal-għarfien espert rilevanti, kif ukoll li torganizza laqgħat dedikati tal-korpi preparatorji rilevanti tal-Kunsill. Mill-2023, l-Istati Membri kollha ser itejbu l-koordinazzjoni interna biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-PSDK ċivili u l-atturi nazzjonali tal-ĠAI.

9. Fl-2024, l-Istati Membri, appoġġati mis-SEAE, ser jipprovdu lill-pajjiżi ospitanti, kull fejn rilevanti, u lill-missjonijiet ċivili tal-PSDK, il-kapaċitajiet meħtieġa għat-tisħiħ tar-reżiljenza kontra t-theddid ibridu u ċibernetiku kif ukoll kontra l-FIMI, u r-rispons għalihom. Fl-2024, is-SEAE, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, ser jimplimenta linji gwida dwar iċ-ċibersigurtà għall-missjonijiet ċivili tal-PSDK. Fl-2026, is-SEAE ser jiżviluppa ambjent sigur għas-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni li jikkonnettja flimkien il-missjonijiet ċivili kollha tal-PSDK u l-kwartieri ġenerali ċivili. Fl-2026, is-SEAE u s-servizzi tal-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, ser jiżviluppaw strateġija dwar teknoloġiji emerġenti u fixkiela, bħall-intelliġenza artifiċjali, kif ukoll jinvestu fihom, sabiex itejbu d-diġitalizzazzjoni tal-appoġġ għall-missjonijiet ċivili tal-PSDK u jiżviluppaw għodod tekniċi, filwaqt li jfittxu sinerġiji mal-Programm Ewropa Diġitali skont il-ħtieġa. Fl-2024, is-SEAE u l-Istati Membri ser isaħħu l-kapaċitajiet u l-għodod ta' komunikazzjoni kemm fil-missjonijiet kif ukoll fil-kwartieri ġenerali ċivili biex jiżguraw li l-PSDK ċivili tkun appoġġata minn strateġiji ta' komunikazzjoni sostnuti u robusti.

10. Sabiex jiġu żgurati r-rispett, il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll id-diliġenza dovuta fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem, fl-2024 is-SEAE ser jinkludi l-impatt fuq id-drittijiet tal-bniedem u l-analiżi tar-riskju fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem fid-dokumenti kollha tal-ippjanar tal-missjonijiet ċivili tal-PSDK u ser jiżgura s-sensittività għall-konflitti u l-approċċ "la tagħmilx ħsara" matul it-twettiq tal-missjonijiet. Mill-2023, l-Istati Membri ser jiżguraw li l-missjonijiet ċivili tal-PSDK ikollhom konsulenti dwar id-drittijiet tal-bniedem u ser isaħħu l-għarfien espert rilevanti fil-komponenti operazzjonali. Mill-2024, is-SEAE ser jimplimenta l-Pjan ta' Azzjoni għaż-Żgħażagħ fl-azzjoni esterna tal-UE, u ser jintegra l-aġenda CAAC fl-ippjanar u l-attivitajiet operazzjonali kif ukoll jiffoka fuq il-protezzjoni tat-tfal;

11. Mill-2024, is-SEAE u l-Istati Membri ser jiżguraw l-integrazzjoni sistematika tal-perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inkluż billi jiżguraw li l-missjonijiet ċivili tal-PSDK jitwettqu f'konformità mal-analiżi tal-ġeneru, ikollhom konsulenti dwar il-ġeneru u li jissaħħaħ l-għarfien espert rilevanti fil-komponenti operazzjonali. Is-SEAE u l-Istati Membri ser jipromwovu wkoll tmexxija reattiva għal kwistjonijiet ta' ġeneru u jindirizzaw b'mod sistematiku l-vjolenza sesswali u bbażata fuq il-ġeneru matul il-fażijiet kollha tal-ippjanar, l-implimentazzjoni u t-tranżizzjoni, inkluż bl-iżvilupp ta' kunċett dwar il-prevenzjoni u r-rispons għall-vjolenza sesswali u bbażata fuq il-ġeneru, inkluż il-vjolenza sesswali relatata mal-konflitti, fil-kuntest tal-PSDK ċivili.

12. Fl-2025, is-SEAE, f'konsultazzjoni mas-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni, ser itejjeb l-għarfien espert u l-analiżi kif ukoll jipprovdi gwida dwar l-akkwist sostenibbli, l-ottimizzazzjoni tal-enerġija u tal-ilma, u l-inġinerija u l-loġistika ekoloġiċi. Fl-2025, l-Istati Membri ser jiżguraw li l-missjonijiet kollha jkollhom konsulent ambjentali, li ser jirrapporta wkoll dwar l-impronta ambjentali tal-missjonijiet u jintroduċi sistemi ta' ġestjoni ambjentali. Mill-2023, l-Istati Membri, b'segwitu ta' proposti mis-SEAE, ser jikkunsidraw rwol għall-missjonijiet ċivili tal-PSDK fl-indirizzar tal-isfidi tas-sigurtà relatati mat-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali, fejn rilevanti. Mill-2023, il-missjonijiet kollha ser itejbu kontinwament il-prestazzjoni ambjentali tagħhom u l-litteriżmu klimatiku fuq kull livell.

NINVESTU

13. Mill-2023, l-Istati Membri jimpenjaw ruħhom li jipprovdu kontribut akbar għall-PSDK ċivili, li jista' jieħu l-forma ta' persunal, tagħmir, taħriġ, appoġġ għall-eżerċizzji, kontribuzzjonijiet finanzjarji jew affarijiet oħrajn.

14. FI-2024, l-Istati Membri ser ikompli jiżviluppaw Pjanijiet ta' Implimentazzjoni Nazzjonali, allinjati ma' dan il-Patt u mal-proċess previst tal-iżvilupp tal-kapaċitajiet ċivili, bl-użu ta' raggruppamenti informali, bl-appoġġ taċ-Ċentru Ewropew ta' Eċċellenza għall-Maniġġar Ċivili ta' Kriżijiet, is-settur privat u d-dinja akkademika, fejn dan ikun rilevanti u kif mitlub mill-Istati Membri.

15. FI-2024, is-SEAE u l-Istati Membri, f'konsultazzjoni mill-qrib mas-servizzi tal-Kummissjoni, ser jistabbilixxu proċess regolari u strutturat tal-iżvilupp tal-kapaċitajiet ċivili. Dan il-proċess ser jivvaluta l-ħtiġijiet ta' kapaċità fir-rigward tal-persunal; it-tagħmir u t-teknoloġija; il-kunċetti u l-proċeduri; kif ukoll it-taħriġ, l-iżvilupp ta' rekwiżiti, it-twetliq ta' analiżi tal-lakuni u r-rieżami perjodiku tal-progress li sar f'konformità ma' dan il-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK, l-ippjanar tal-kapaċitajiet u bl-għan ġenerali li tiżdied l-effettività tal-missjonijiet. Konferenza annwali dwar il-kapaċità ċivili ser tevalwa l-progress li sar u tipprovdi gwida għat-triq 'il quddiem. Għal dan l-għan, l-Istati Membri ser jiżviluppaw u jipprovdur l-kapaċitajiet meħtieġa biex l-UE twettaq il-firxa sħiħa ta' missjonijiet ċivili tal-PSDK. Fejn rilevanti, l-Istati Membri jistgħu jinvolvu lis-settur privat u lid-dinja akkademika fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet meħtieġa, inkluż f'termini ta' teknoloġija, tagħmir u loġistika.

16. Abbażi ta' kontributi miżjuda mill-Istati Membri, il-ġestjoni tar-riżorsi umani tal-PSDK ċivili ser tissaħħaħ:

- a. FI-2024, is-SEAE ser jiżviluppa aktar u jtejjeb, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, is-sorveljanza, l-appoġġ u l-pariri għall-għażla u r-reklutaġġ f'missjonijiet ċivili tal-PSDK. FI-2025, l-Istati Membri ser jesploraw approċċi għall-iżvilupp tal-karriera biex jattiraw u jżommu persunal kompetenti, appoġġati minn inċentivi mis-servizzi tal-Kummissjoni kif rilevanti u xieraq. FI-2024, il-kapaċitajiet tar-riżorsi umani tal-kwartieri ġenerali ċivili ser jissaħħu, inkluż permezz tal-kontributi tal-Istati Membri.
- b. FI-2025, l-Istati Membri ser iżidu l-għadd ta' kandidati nisa għall-PSDK ċivili, bl-għan li b'mod kollettiv tiżdied il-parteciċipazzjoni tan-nisa għal mill-inqas 40 fil-mija fost il-persunal internazzjonali filwaqt li ser jistinkaw għall-parità bejn il-ġeneri fil-livelli kollha u b'mod partikolari f'pożizzjonijiet ta' tmexxija għolja sa tmiem l-implimentazzjoni ta' dan il-Patt. Għal dan l-għan, is-SEAE ser jaġġorna l-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni għat-tisħiħ tal-Parteciċipazzjoni tan-Nisa f'Missjonijiet Ċivili tal-PSDK.
- c. Bl-għan li jissaħħu d-disponibbiltà u l-parteciċipazzjoni ta' esperti nazzjonali f'missjonijiet ċivili tal-PSDK, FI-2024, l-Istati Membri ser jinkludu fil-Pjanijiet ta' Implimentazzjoni Nazzjonali tagħhom, fost oħrajn, rieżamijiet tal-proċeduri, il-leġiżlazzjoni u l-baġits nazzjonali, filwaqt li jiġu kkunsidrati opportunitajiet għat-tisħiħ tal-perkorsi tal-karriera, iż-żieda fil-viżibbiltà u s-sjieda politika tal-PSDK ċivili.
- FI-2024, is-SEAE, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, ser jesplora l-possibbiltajiet għall-issekondar ta' esperti fil-livell tad-dħul mal-missjonijiet. Mill-2023, is-SEAE u l-Istati Membri f'konformità mal-proċeduri tal-għażla għall-persunal internazzjonali, ser ikomplu jistinkaw għal rappreżentanza wiesgħa ta' esperti tal-Istati Membri f'missjonijiet ċivili tal-PSDK.

d. FI-2024, is-SEAE u s-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni ser jirrieżaminaw l-istatus tal-impjieg tal-persunal internazzjonali kkuntrattat f'missjonijiet ċivili tal-PSDK u ser jesploraw limiti għat-tul ta' żmien totali tal-istazzjonament għall-persunal internazzjonali kkuntrattat u għall-persunal lokali, abbażi ta' dokument li jipproponi għażliet li jrid jiġi ppreżentat lill-Istati Membri.

e. FI-2025, is-SEAE, f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u f'konsultazzjoni mas-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni, ser jiżviluppa strateġija komprensiva biex jiżgura ambjent tax-xogħol sikur u inklużiv. Din l-istrateġija ser torbot il-politiki u l-għodod rilevanti kollha, inkluż, iżda mhux biss, it-tmexxija, ir-riżorsi umani u t-taħriġ. Mill-aktar fis possibbli, is-SEAE ser jirrevedi u japplika bis-sħiħ il-Kodiċi tal-Kondotta u ser jappoġġa l-implimentazzjoni tagħha permezz ta' entità indipendenti, filwaqt li jsaħħa l-isforzi preventivi. Is-SEAE ser jirrapporta darba kull sentejn dwar l-isforzi li għaddejjin biex tiġi implimentata l-istrateġija u jwettaq sħarriġiet regolari tal-persunal biex jiggwidaw il-ħidma. Is-SEAE u l-Istati Membri ser isaħħu s-sikurezza u s-sigurtà tal-persunal stazzjonat f'missjonijiet ċivili tal-PSDK billi jiddefinixxu b'mod ċar ir-responsabbiltajiet tal-atturi involuti fid-dmir ta' diliġenza, u billi jiżguraw il-kapaċitajiet professjonali meħtieġa fil-livell ċentrali u fil-missjonijiet.

f. FI-2024, is-SEAE u l-Istati Membri ser jinvestu fil-ħiliet ta' tmexxija tal-maniġers superjuri li jinkludu t-tmexxija reattiva għal kwistjonijiet ta' ġeneru. Is-SEAE u l-Istati Membri ser isaħħu l-kultura, l-imġiba u l-kapaċitajiet tat-tmexxija fil-qasam tal-PSDK ċivili u jiżguraw li l-kompetenzi rilevanti tat-tmexxija jitqiesu b'mod sistematiku fir-reklutaġġ u fl-evalwazzjoni tal-pożizzjonijiet maniġerjali.

17. a. Mill-2023, is-SEAE u s-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni ser jiżviluppaw aktar għodod biex jappoġġaw il-missjonijiet ċivili tal-PSDK biex isir l-aħjar użu mill-baġits assenjati tagħhom, jiġi mmonitorjat il-konsum tal-baġit u jiġi identifikati miżuri aktar strutturali għall-iffrankar tal-ispejjeż biex tiġi żgurata ġestjoni finanzjarja tajba tal-missjonijiet kollha. L-Istati Membri jistiednu lis-servizzi tal-Kummissjoni biex jesploraw finanzjament sostenibbli alternattiv u jippreżentaw opzjonijiet għal attivitajiet mhux tal-PSDK li bħalissa jaqgħu taħt il-linji tal-PSDK tal-baġit tal-PESK. L-għodod għall-iffrankar tal-ispejjeż jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, mekkaniżmu ta' aġġustament baġitarju għall-allokazzjoni ta' baġits ta' missjonijiet għal mandati ġodda bbażati fuq ir-rati ta' assorbiment f'mandati preċedenti u użu akbar ta' kontinġenzi sabiex tiżdied il-flessibbiltà. Is-SEAE u s-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni ser jiżguraw koordinazzjoni fil-kuntest tal-istabbiliment ta' missjoni għida tal-PSDK u filwaqt li jiġi mħejjija dokumenti ta' ppjanar u baġits.

17. b. Fl-2024, is-SEAE, f'konsultazzjoni mas-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni, ser jiżviluppa opzjonijiet għal kunċett ta' taħriġ u tagħmir, integrat fl-isforzi usa' tal-UE fil-qasam ta' riformi speċifiċi għall-pajjiż, biex jappoġġa attivitajiet ta' missjonijiet ċivili tal-PSDK skont il-qafas tal-mandati tagħhom, li jridu jiġi maqbula mill-Kunsill.

18. FI-2025, l-Istati Membri ser jadattaw il-kapaċitajiet ta' taħriġ tagħhom, li jinkludu formati ibridi u apprendiment elettroniku, f'konformità mal-Politika riveduta tal-UE dwar it-Taħriġ għall-PSDK u mal-gwida pprovduta mill-Grupp ta' Taħriġ Ċivili tal-UE u jikkontribwixxu għall-Programm ta' Taħriġ tal-PSDK, abbażi tar-rwol tal-Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża (KESD). FI-2024, is-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni ser jallinjaw il-proġetti ta' taħriġ rilevanti ffinanzjati mill-Kummissjoni ma' dan il-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK. Mill-2026, l-Istati Membri ser iħarrġu l-esperti tagħhom, inkluż taħriġ lingwistiku rilevanti, abbażi ta' materjal ta' taħriġ standard, perkorsi ta' taħriġ, u l-valutazzjoni tal-impatt fit-tul tat-taħriġ mogħti, żviluppat mis-SEAE u mill-KESD. Ser jiġu stabbiliti proċeduri xierqa għall-parteċipazzjoni ta' persunal mill-Istati Membri kollha f'korsijiet rilevanti mogħtija f'ċentri ta' taħriġ nazzjonali. Għandu jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni għal taħriġ konġunt u kondiviż tal-PSDK sabiex jiġu żgurati l-istandards tat-taħriġ.

NAĦDMU FI SĦUBIJA

19. FI-2025, abbażi tal-aħjar prattiki eżistenti, is-SEAE ser jiżviluppa linji gwida għall-missjonijiet ċivili tal-PSDK għall-involvement tal-istituzzjonijiet lokali f'konformità mal-Qafas tal-UE għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà u mal-Approċċ Integrat bl-għan li tissaħħaħ is-sjieda lokali. FI-2025, il-missjonijiet ċivili kollha tal-PSDK ser imexxu djalogu strutturat mas-soċjetà ċivili u jirrapportaw dwar is-sejbiet tiegħu. FI-2025, is-SEAE u l-Istati Membri ser ifittxu sinerġiji u jsaħħu l-kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili fil-livelli kollha.

20. Mill-2023, is-SEAE ser jaħdem biex isaħħaħ il-kooperazzjoni bejn in-NU u l-UE dwar l-istat tad-dritt, l-SSR u l-istabbilizzazzjoni, biex jappoġġa l-iskambju u l-kollaborazzjoni fil-livell ċentrali u fil-missjonijiet kollha, inkluż l-identifikazzjoni ta' missjoni pilota tal-PSDK ċivili għal kollaborazzjoni aktar mill-qrib fuq il-post. Is-SEAE ser ikompli jsaħħaħ il-kooperazzjoni ta' benefiċċju reċiproku man-NATO f'konformità mal-Boxxla Strateġika, foqasma ta' interess komuni, bħall-ġlieda kontra t-theddid ibridu, iċ-ċibersigurtà u l-indirizzar tal-implikazzjonijiet għas-sigurtà tat-tibdil fil-klima, fejn rilevanti għall-PSDK ċivili. Il-kooperazzjoni ser titmexxa 'l quddiem fil-qafas maqbul tat-tliet Dikjarazzjonijiet Konġunti, b'rispett sħiħ tal-prinċipji maqbula ta' reċiproċità, trasparenza, inklużività u awtonomija fit-teħid tad-deċiżjonijiet li jiggwidaw u jirfdu s-sħubija strateġika bejn l-UE u n-NATO. Is-SEAE ser isaħħaħ il-kooperazzjoni ma' atturi reġjonali bħall-OSKE u l-UA fil-qasam tal-prevenzjoni tal-konflitti u l-maniġġar ta' kriżijiet, it-tisħiħ tal-analiżi kondiviża u l-għarfien tas-sitwazzjoni, il-medjazzjoni, it-trawwim ta' sinerġiji għat-taħriġ, l-iskambju ta' prattiki tajbin u tagħlimiet, u l-promozzjoni ta' rabtiet fil-livell ċentrali u fuq il-post. Is-SEAE ser ikompli jappoġġa stati terzi tal-istess fehma biex isaħħu l-kapaċità tagħhom li jikkontribwixxu għall-PSDK ċivili.
